MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 472/2003

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Pierre Bugeja**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' April, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u tnejn u erbghin lira Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm142.74) rappresentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta attrici skond Client Contract Number 17247 in rigward ghal servizzi rezi lilu mis-socjeta attrici u dana fix-xhur bejn Mejju 2002 u Awissu 2002.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tal-20 ta' Dicembru 2002, dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment ma'l-avviz u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' l-avukat Dr. Nikolai Muscat Farrugia ghan-nom tas-socjeta attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u tnejn u erbghin lira Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm142.74), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tal-20 ta' Dicembru 2002, kif ukoll ta'l-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment ma'l-avviz ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------